31999R0684

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 684/1999

tad-29 ta' Marzu 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzi rappreżentattivi tal-laħam tat-tjur u fis-setturi tal-bajd u ta' l-albumina tal-bajd, u li jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur tad-dar [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni għall-kummerċ tal-ovalbumina u tal-laktalbumina [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2916/95, u b'mod partikolari l-Artikoli 3(4) u 10 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 [6] kien ġie emendat dan l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 493/1999 [7] bi qbil mad-deċiżjoni meħuda fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinija tax-Xogħol sabiex isir obligatorju għal dazju addizzjonali li jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz *cif* ta' l-importazzjoni; billi l-Artikoli 4(2) u 6 ta'dak ir-Regolament għandhom ukoll jiġu emendati bi qbil ma dik id-deċiżjoni;

Billi hu neċċesarju li din l-emenda tiġi applikat kemm jista' jkun malajr possibbli;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Bajd u tal-Laħam tat-Tjur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nu 1484/95 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 4(2) huwa mħassar;
2. fl-Artikolu 6, "stabbilit fl-Artikolu 1" huwa mibdul bi "li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika b'effett mill-25 ta'Marzu 1999.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 29 ta'Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p.49.
[2] ĠU L 189, tat-30.7.1996, p.99.
[3] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p.77.
[4] ĠU L 305, tad-19.12.1995, p.49.
[5] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p.104.
[6] ĠU L 145, tad-29.6.1995, p.47.
[7] ĠU L 59, tas-6.3.1999, p.15.